MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 486/2006

Mary Calleja
vs
Philip Raymond Pace u Lisa Anne Pace

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi r-rikorrenti kienet sid il-fond “Sundale”, 57, Triq il-Kullegg, Mosta.

2. Illi l-intimati kienu qed jokkupaw il-fond indikat minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

3. Illi minkejja li interpellati diversament sabiex johorgu u jizgombraw mill-imsemmija residenza l-intimati kienu baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

4. Illi fl-opinjoni tar-rikorrenti l-intimati ma kellhom ebda eccezzjoni x'jaghtu u ghalhekk il-proceduri odjerni kellhom jimxu bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh u dana a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara li l-intimati qed jokkupaw il-fond proprjeta` tar-rikorrenti "Sundale", 57, Triq il-Kullegg, Mosta minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

3. Tordna lill-intimati sabiex jizgumbraw u jivvakaw mill-fond 57, "Sundale", Triq il-Kullegg, Mosta fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Gavin Gulia ghall-intimati pprezenta nota ta' ammissjoni b'dan li l-partijiet ftiehmu li r-rikorrenti ma tinfurzax is-sentenza qabel ma jghaddu erba' (4) xhur u talbu sentenza f'dan is-sens.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni, it-talbiet rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom, u wara li rat l-art 167 ***et seq*** tal-Kap 12 qed tiddikjara li l-intimati qed jokkupaw il-fond proprjeta` tar-rikorrenti "Sundale", 57, Triq il-Kullegg, Mosta minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u tordna lill-intimati sabiex jizgumbraw u jivvakaw mill-fond 57, "Sundale", Triq il-Kullegg, Mosta fi zmien erba' (4) xhur mil-lum.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------